# Id-Disgħa u Għoxrin Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena

## Qari I

*Jien wettaqt id Ċiru, biex imidd ma' l-art il-ġnus quddiemu.*

Is 45, 1. 4-6

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija**

1 Dan jgħid il-Mulej dwar il-midluk tiegħu, dwar Ċiru:
«Lilu qbadt minn idu l-leminija
biex inrażżan il-ġnus quddiemu
u nħoll il-ħżiem ta' ġenbejn is-slaten;
niftaħ il-bibien quddiemu
u ebda bieb ma jibqa' magħluq.

4 Minħabba Ġakobb, il-qaddej tiegħi,
u Iżrael, il-maħtur tiegħi,
jien sejjaħtlek b'ismek.
Tajtek isem ta' ġieħ għad li lanqas tafni.

5 Jien il-Mulej, m'hemmx ieħor ħliefi,
m'hemmx Alla ieħor għajri.
Jien ħażżimtek għad li lanqas tafni,
6 biex mnejn titla' x-xemx safejn tinżel,
il-bnedmin jagħrfu li m'hemm ħadd ħliefi.
Jiena l-Mulej, m'hemmx ieħor ħliefi. »

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 95 (96), 1.3.4-5.7-8.9-10a.c

R/. (7b): Agħtu lill-Mulej sebħ u qawwa

1 Għannu lill-Mulej għanja ġdida;
għannu lill-Mulej fl-art kollha!
3 Xandru fost il-ġnus is-sebħ tiegħu,
fost il-popli kollha l-għeġubijiet tiegħu. R/.

4 Għax kbir il-Mulej, ta' min ifaħħru ħafna,
tal-biża' aktar mill-allat kollha.
5 Għax kollha frugħa l-allat tal-popli;
Jaħweh hu li għamel is-smewwiet! R/.

7 Agħtu lill-Mulej, familji tal-popli,
agħtu lill-Mulej sebħ u qawwa;
8 agħtu lill-Mulej is-sebħ ta' ismu!
Ġibulu l-offerti, u idħlu fil-btieħi tat-tempju tiegħu. R/.

9 Inxteħtu quddiem il-Mulej b'tiżjin qaddis,
triegħdu quddiemu, nies kollha ta' l-art!
10 Għidu fost il-ġnus: «Il-Mulej isaltan!»
Hu li jiġġudika l-popli bis-sewwa. R/.

# Qari II

*Niftakru fil-fidi u fl-imħabba u fit-tama tagħkom.*

1 Tess 1, 1-5b

**Bidu ta' l-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lit-Tessalonkin**

1Pawlu u Silvanu u Timotju lill-knisja ta' Tessalonika f'Alla l-Missier
u l-Mulej Ġesù Kristu: grazzja lilkom u sliem.

2Aħna kull ħin niżżu ħajr lil Alla minħabba fikom ilkoll, u niftakru
fikom dejjem meta nitolbu. 3Niftakru fil-ħidma li hi ġejja mill-fidi
tagħkom u fit-taħbit li ħiereġ minn imħabbitkom; niftakru fil-qawwa
tat-tama tagħkom f'Sidna Ġesù Kristu quddiem Alla Missierna.

4Aħna nafu, ħuti, li Alla jħobbkom u għażilkom. 5Għax l-Evanġelju
tagħna lilkom ma kienx biss bil-kliem, imma wkoll bil-qawwa,
bl-Ispirtu s-Santu u b'persważjoni sħiħa.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Fil 2, 15d.16a

Hallelujah. R/. Hallelujah
Intom għandkom tiddu fid-dinja bħal kwiekeb,
u żżommu sħiħ il-kelma tal-ħajja.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

*Agħtu lil Ċesari dak li hu ta' Ċesari, u lil Alla dak li hu ta' Alla.*

Mt 22, 15-21

## ✠ Qari mill-Evanġelju skond San Mattew

F'dak iż-żmien, [15]il-Fariżej marru u bdew jiftiehmu bejniethom biex
jaraw kif jonsbuh b'xi kelma.

[16]U bagħtulu d-dixxipli tagħhom ma' xi Erodjani u qalulu:
«Mgħallem, aħna nafu li int raġel tħobb is-sewwa, u li t-triq ta' Alla
tgħallimha kif tassew hi, bla ma tħabbel rasek minn ħadd, għax int
lejn wiċċ ħadd ma tħares. [17]Għidilna ħaġa, mela: Int x'jidhirlek?
Sewwa jew le li wieħed iħallas it-taxxa lil Ċesari?»

[18]Imma Ġesù għaraf il-ħażen ta' moħħhom, u qalilhom: «Għaliex
tridu ġġarrbuni, ja wċuħ b'oħra? [19]Uruni l-munita tax-taxxa.» Urewh
dinar, [20]u Ġesù staqsiehom: «Ta' min huma dan il-wiċċ u din
il-kitba?» [21]Qalulu: «Ta' Ċesari!»

Imbagħad qalilhom: «Mela agħtu lil Ċesari dak li hu ta' Ċesari, u lil Alla dak li hu ta' Alla.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu